**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 12 ta' Ottubru 2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Nathan Camilleri**
**(ID 85494(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Nathan Camilleri ta' 32 sena, iben Joseph u Shirley nee` Exly, imwieled l-Ingilterra, fl-20 ta' Settembru 1976 u joqghod 53, Triq San Gwann, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 85494(M);

Akkuzat talli matul ix-xahar ta' Novembru 2008 u x-xhur ta' wara (din iz-zieda giet awtorizzata b'digriet tal-Qorti tal-20 ta' Frar 2009) f'dawn il-Gzejjer u fil-fond 54, Triq San Gwann, Hamrun, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu inniffsu jew esegwixxa obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Helen Mifsud fil-pussess ta' hwejjigha jew b'xi mod iehor kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg ta' Helen Mifsud.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-partijiet irrimettew ruhhom ghall-provi.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Permezz ta' digriet tat-28 ta' Settembru 2012, il-Qorti, kif diversament preseduta, hatret lill-espert tekniku, il-Perit Mario Cassar sabiex jisma' x-xhieda kollha u jirrelata dwar dan il-kaz, liema digriet rega' gie kkonfermat mill-Qorti, kif preseduta, b'digriet iehor tat-12 ta' Novembru 2013.

Jirrizulta mix-xhieda u mir-relazzjoni tal-Perit Mario Cassar, illi l-parte civile, Helen Mifsud, hija l-proprjetarja ta' terran gewwa Triq San Gwann, il-Hamrun, liema terran huwa sovrappost minn mezzanin. Skond ix-xhieda tal-parte civile, hija kienet ser tbiegh il-proprjeta` taghha lil certu Joseph Spiteri, izda kif dan gie biex jirranga s-saqaf tal-kamra ossia l-bejt ta' wara tal-fond, huwa gie mizmum milli jaghmel dan mill-imputat. Tghid ukoll illi t-twieqi tal-fond taghha qeghdin fil-gholi u hija ma tista' tara xejn (b'referenza ghal dan il-bejt ta' wara) u li hija lanqas ma rat xejn fir-rigward tac-cnut li jifirdu l-bjut ta' wara. Tghid ukoll illi hija ghamlet dan ir-rapport ghaliex skond il-kuntratt, it-tarag jaghti ghaz-zewgt ibjut u allura hija tikkunsidra dawn il-bjut bhala li jappartjenu lilha. Imbaghad, skond ix-xhieda ta' Joseph Spiteri, li jghid li ffirma konvenju sabiex jixtri dan il-fond, huwa beda jirranga l-istess fond, informa lis-sid ossia lill-parte civile li ried jidhol ghall-bejt sabiex jirranga s-soqfa u l-imputat qallu li din il-parti tal-bejt hija tieghu. Jghid illi huwa kien ser jiftah it-tieqa biex jifforma bieb u jkollu access ghall-bejt, izda kif beda jisserra l-bieb, mar l-imputat bil-pulizija u waqqfu milli jaghmel dan. Jghid illi c-cint fil-bejt ma kienx hemm ghaliex gie mwaqqa', tant illi l-parti tal-bejt tal-imputat ghandha l-*membrane*, u l-parti tal-bejt in kwistjoni m'ghandhiex.

Skond ix-xhieda u r-relazzjoni tal-Perit Cassar, it-terran tal-parte civile ghandu bejt li jaghti ghal fuq il-faccata ta' Triq San Gwann, mentri l-mezzanin ghandu l-bejt tieghu fuq wara u jaghti fuq il-bitha ta' wara. L-istess Perit ikkonstata illi mill-proprjeta` tal-parte civile m'hemm l-ebda access ghal dan il-bejt ta' wara, izda hemm biss zewgt itwieqi. In oltre kuntrarjament ghal dak li jghid Spiteri fix-xhieda tieghu, skond l-istess Perit qatt ma kien hemm cint jew hajt li jifred bjut differenti u illi l-filata baxxa li hemm fuq dan il-bejt, m'hijiex separazzjoni ta' bjut, tant li m'hemmx mursalli jew ingall ta' dan il-prezunt cint mal-opramorta. Ghalhekk skond l-istess espert dan qatt ma seta' jitnehha mill-imputat, kif allegat minn Spiteri.

L-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tikkontempla r-reat ta' *ragion fattasi* a tenur tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu, fl-ewwel sub-artikolu tieghu, jghid hekk:

"*Kull min, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel haga kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorita` tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur:*

*Izda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni taghha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, taghti l-piena tal-multa"* [sottolinear tal-Qorti].

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiro Bartolo**, deciza fid-9 ta' Jannar 2006:

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe':- (a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor; (b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt; (c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika; u (d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia" [17.2.95]; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef" [6.6.95]; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri" [18.9.2002] u ohrajn)*".

Illi kif inghad diversi drabi mill-Qrati taghna, l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa intiz mhux sabiex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli ta' dak li jkun, ghaliex ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili, izda sabiex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat tal-awtorita` pubblika (**Il-Pulizija vs Salvina sive Silvia Incorvaja**), Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Lulju 1994).

L-imsemmi artikolu tal-ligi jittutela l-pussess tal-haga u ghalhekk, dak li wiehed ghandu jqis, ghal fini tal-ewwel element kostituttiv tar-reat, huwa jekk effettivament sa dakinhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-imputat – li del resto lanqas ma sar fil-konfront tal-parte civili, izda fil-konfront ta' Spiteri - kellhiex il-parte civile, il-pussess ossia l-uzu u/jew it-tgawdija tal-bejt in kwistjoni. Jirrizulta

car fil-fatt mir-relazzjoni tal-Perit Cassar, illi l-parte civile ma kellhiex access ghal dan il-bejt, kif lanqas ma kellu Spiteri li, fil-fatt, ried jiftah bieb li jaghti ghall-istess bejt u ghalhekk certament ma jistax jinghad illi din kellha l-uzu u/jew it-tgawdija tieghu.  Isegwi illi l-ewwel element kostituttiv ta' dan ir-reat ma jirrizultax.

Ghaldaqstant, l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat